**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 191/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs.**

**Melvin Magri**

Illum l-10 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Lil- Melvin Magri bin Carmelo u Carmen nee' Bezzina imwieled il-Pieta fit- 22.08.1984 li joqghod BLK 3, Flt1 Triq Fonzu, Meli, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita' 408984M

Akkuzat talli: nhar il-25 ta' April 2020 gewwa BLK 3, Triq Fonzu Meli, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ghal habta ta' 20:15hrs ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvio Zerafa /jew persuna ohra, hekk kif iccertifika minn Dr. T.Degiorgio Med Reg : 4112.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamilt lil Silvio Zerafa u lil Lilkin Borg u/ jew persuni ohra, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi : ksirtu l-bon ordni u l-paci pubblika, b' ghajjat u glied.

U finalment akkuzat talli fl itess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendejt ruhek ricediv ai termini tal-artikoli 49, tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

l-Qorti kienet mitluba ukoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviicina lil Silvio Zerafa u Lilkin Borg u l-familja tieghu.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar id-9 ta' April 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Folio 17 u 18 ta' l-atti processwali
[2] Folio 82 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta ta' 1 ta' Frar 2022, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza t-tnejn ghalqu l-provi taghhom nhar l-1 ta' Frar 2022.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-25 ta' April 2020 meta l-imputat u l-parte civile li jghixu gewwa l-istess blokka ta' appartamenti kellhom xi jghidu dwar

[3] Folio 86 ta' l-atti processwali
[4] Folio 86 ta' l-atti processwali

l-uzu tal-bejt taghhom u l-vittma sofra griehi gravi per konsegwenza ta' din il-glieda.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2020 xehed il-*parte civile* **Silvio Zerafa** li spjega li huwa joqghod Block 3, Penthouse 5, Triq Fonzu Meli, Hal Qormi. Stqarr li l-incident in kwistjoni sehh nhar il-25 t'April 2020 ghall-habta tat-19:45hrs. Huwa kien flimkien mal-mara tieghu u l-gar ta' tahtu Lincoln flimkien mal-mara tieghu, binthom ta' xi 4 snin u oht il-mara tieghu u kienu qed jaghmlu BBQ. F'daqqa u l-hin, tela fuq il-bejt l-imputat Melvin Magri, li joqghod fil-Flat 1, b'hadida f'idu li dehret qisha kanna ta' xi pied u nofs. L-imputat ghadda biex ta' daqqa b'din il-hadida fuq il-*picnic cooler* u fuq il-BBQ. Ix-xhud stqarr li l-imputat beda jghid "Ha nurikom min hu Alla" u x-xhud wiegbu li "l-affarijiet mhux hekk" u ma dan il-kliem l-imputat xejjirlu daqqa bil-kanna f'rasu u imbaghad fuq gembu. Rizultat ta' dan, il-*parte civile* kellu jmur ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana tant li kellu bzonn xi punti fuq mohhu. Gie mahrug certifikat dwar il-griehi sofferti. Ix-xhud jghid li mad-daqqiet huwa storda u ftit li xejn jiftakar x'gara wara. Gie spjegat li l-imputat kellu access ghal fuq il-bejt minhabba li huwa resident fl-istess blokka. Issa dan il-bejt imess mat-terazzin tal-*penthouse* tax-xhud. Fil-fehma tax-xhud, dan l-incident gie precipitat minhabba li l-imputat ma qabilx mal-fatt li hu flimkien ma xi girien ohrajn ftehmu li jaghmlu xi ghamara tal-*pallets* fuq il-bejt komuni sabiex ikun jista' jitgawda ahjar l-istess bejt. Meta saret l-ghamra fi zmien il-*lockdown* relatat mal-pandemija, l-imputat ma kien tkellem xejn u allura ix-xhud u xi sidien ohrajn assumew li dan ma kellux oggezzjoni. Gie koncess li gieli kien hemm xi

protestazzjoni minn naha tal-imputat u l-mara tieghu dwar l-ghamara izda l-affarijiet kienu jitressqu u dejjem spjegaw li setghu jintuzaw minn kulhadd u kienu temporanji minn natura taghhom. In kwantu tal-hsara mgarrba, ix-xhud stqarr li l-BBQ ma jistax jissewwa facilment u skont stima li huwa kiseb mill-hanut Home Mark, Hal Qormi, ir-*replacement value* tieghu huwa ta' €210.

In kontro-ezami, il-*parte civile* qabel li l-imputat ghamdu *washroom* fuq il-bejt izda nnega li l-ghamajjar kienu b'xi mod qed jingombraw id-dhul taghha. Ikkonceda li qatt ma kien ha permess minghand l-imputat biex titpogga l-ghamara fuq il-bejt. Innega li hekk kif ra lill-imputat qabad sikkina f'idu.

Il-*parte civile* rega' ha l-pedana fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 fejn juwa ddikjara li qed jahfer lill-imputat u li jixtieq li l-kaz jieqaf. Iddikjara ukoll li kien gie kkumpensat tal-hsara li garrab mill-imputat u huwa ghalhekk sodisfatt b'dak il-kumpens.

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehed **PS 954 James Mangion**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi. Stqarr li nhar il-25 t'April 2020 ghall-habta tat-20:00hrs, dahal rapport dwar argument gewwa Triq Fonzu Meli, Hal Qormi. Meta mar fuq il-post ma sab xejn izda imbaghad irrikorra l-Ghassa l-imputat Melvin Magri flimkien ma martu Lyndsay Magri. L-imputat qal li aktar kmieni dakinhar martu kienet gibdet l-attenzjoni tal-gar taghhom Silvio Zerafa dwar ghamajjar ingombranti li kienu ghamlu fuq il-bejt komuni tal-blokka fejn joqghodu. Aktar tard imbaghad huwa tela' fuq il-bejt u minhabba li beza' li Silvio u Lincoln kienu ser "iduruh", iddefenda ruhu b'hadida. Qal li Silvio kellu sikkina f'idejh u ghalhekk uza l-hadida, fejn Silvio spicca b'rasu maqsuma. Ix-xhud spjega li meta tela' fuq il-bejt tal-Blokka in kwistjoni, ra xi dmija mal-art kif ukoll BBQ u *picnic cooler* li kienu miksurin. Prezenti kien hemm Silvio Zerafa, Lincoln Borg, Yanika Borg, Graziella Piccinino Zerafa u Francesca Zammit. Gie

nnutat li Silvio Zerafa kellu gerha f'rasu u l-flokk imcappas bid-demm. Fuq dan ir-rapport, wara li inghata ordni mis-superjur tieghu, ix-xhud ipproceda biex jarresta lill-imputat fejn dan ittiehed fil-*lock-up* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

In kontro-ezami spjega li l-gerha li ra kienet mal-genb ta' ras il-*parte civile* Silvio Zerafa.

Fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2020 xehed **l-lspettur Roderick Agius**, stazzjonat I-Ghassa ta' Hal-Qormi. Bhax-xhud PS 954 James Mangion, l-Ispettur Agius ikkonferma li nhar il-25 t'April 2020 ghall-habta tat-20:00hrs il-Pulizija rceviet rapport dwar argument gewwa Block 3, Triq Fonzu Meli, Hal Qormi. Minn naha tieghu, ix-xhud kien ha l-istqarrija tal-imputat Melvin wara li dan kien ghazel li jikkonsulta mal-avukat Dr Matthew Brincat telefonikament. Skont l-imputat, kien hemm kwistjoni mal-girien li kienet ilha teskala inkluz dakinhar stess u meta filghaxija tela' fuq il-bejt biex jiehu s-sodisfazzjon. Meta ra li Silvio Zerafa kellu sikkina f'idu, huwa ddefenda lilu nnifsu permezz ta' hadida u spicca biex laqat lil Zerafa. Ix-xhud stqarr li kellem lill-persuni l-ohrajn involuti u ma rrizultalux li dan Silvio Zerafa fil-fatt uzu xi sikkina jew ghamel xi haga lil Magri. Eventwalment Magri kien gie rilaxxjat fuq *police bail* sa ma tressaq il-Qorti wara li tnehhew ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

**Ikkunsidrat**

**Provi dokumentarji mressqin mill-prosekuzzjoni**

Illi b'zieda max-xhieda li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti, il-prosekuzzjoni u x-xhieda esebew ukoll diversi provi dokumentarji.

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug mit-tabib Dr. Thomas Degiorgio Reg No: 4112 nhar il-25 ta' April 2020 fid-disgha u ghaxra ta' filghaxija a favur Silvio Zerafa li biha jindika li Zerafa ghandu griehi ta' natura gravi.[5] Illi ghalkemm l-Avukat Generali f'diversi rinviji talab li jingieb dan it-tabib sabiex jixhed u jikkonfermah, dan it-tabib qatt ma tressaq u l-Avukat Generali ma insistiex ghalih fir-rinviju ghall-gudizzju.

Il-prosekuzzjoni esebit ukoll l-istqarrija ta' l-imputat. Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[6] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-26 ta' April 2020, u cioe l-ghadha ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Haz-Zebbug fl-ufficju ta' l-Ispettur Kylie Borg fil-prezenza ta' PC 1474 K. Parnis u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma' l-avukat Dr. Matthew Brincat permezz tat-telefon.[7]

Illi fl-istqarrija l-imputat Melvin Magri ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien prezenti fuq il-post fejn sehh l-incident u li kien hemm dizgwit mal-gar tieghu.

Illi d-dizgwit irrizulta minhabba l-fatt li l-gar tieghu kienu qeghdin jaghmlu uzu u jostakolaw il-parti tal-bejt tieghu. Meta tela fuq il-bejt u beda jkellem lil gar tieghu Salvu u Lilkin ghalfejn kienu qed jaghmlu hekk, l-imputat jghid:

---

[5] Folio 5 ta' l-atti processwali
[6] Folio 6-8 ta' l-atti processwali
[7] Folio 6 ta' l-atti processwali

*"Sakemm qed nghidu dan il-kliem, Lilkin qam min fuq il-bank fejn kien u gie min warajja u Salvu qabad is-sikkina min fejn il-bbq set u gie fid-direzzjoni tieghi bis-sikkina f'idu."*

…

*"Hu gie bis-sikkina ippuntatha lejja, u konna qed nargumentaw fuq din il-bicca xoghol tal-bejt. Jien kif rajt hekk, qbadt il-kanna."*

L-imputat jghid li uza din il-kanna biex jiddefendi lilu nniffsu u imbutta lil Salvu bil-konsegwenza li hu waqa' u ralu d-demm johrog minn go rasu.

Skond l-imputat, il-sfregju go ras Salvu saret meta waqa' u mhux ghax kien u li laqtu bil-kanna go rasu.

L-imputat baqa' itenni li ma kien hemm ebda interess li jwegga lill-gar tieghu.

*"Ma hadtx il-ligi b'idejja. Jien tlajt fuq il-bejt b'intenzjoni li nitkellmu bhalma dejjem ghamilna u jintlahaq kompromess bhalma dejjem sar."*

Finalment l-imputat itenni li huma qatt ma kellhom ebda inkwiet mal-girien u li dejjem kien ta' spalla ghalihom meta kellhom bzonn xi haga.

Il-pulizija esebit ir-rapport tal-pulizija li ggib in-numru NPS 2/C/1153/2020 li bih jikkonferma r-ragun li wasal ghal-incident, u cioe, il-fatt li whud mil-girien ghazlu li jarmaw bar fuq il-komun tal-bejt u dejqu certu girien ohra bl-agir taghhom.

Il-verzjoni ta' l-imputat li ta fl-istqarrija hija wkoll l-istess verzjoni li ta lill-pulizija fl-okkorenza. Illi mill-okkorenza irrizulta li kien l-imputat stess li mar ghand il-pulizija jirraporta x'gara. L-imputat spjega wkoll ir-raguni principali ghalfejn saru l-griehi fuq Silvio Zerafa.

*"kienu ha jduruh u Melvin beza u iddefenda ruhu b'hadida ghax Silvio ukol dak il-hin kien qed isajjar fuq il-BBQ u kien qed juza sikkina u Melvin stqarr li x'hin iddefenda ruhu Silvio spicca qasam rasu."*[8]

Madankollu meta l-pulizija irrikorrew fuq il-post, sabu hames persuni fuq il-bejt li stqarrew li l-imputat tela fuq il-bejt bil-hadida f'idu, kisser il-*picnic cooler* u ta' mal-BBQ u ta' daqqa go rasu lil Silvio Zerafa u li wara li waqa' ma l-art minhabba din id-daqqa, rega tah ohra.

Illi din il-verzjoni giet ikkorroborata mil-hames persuni kollha li kienu prezenti fuq il-bejt. Madankolllu hadd minn dawn il-persuni ma xehdu f'dawn il-proceduri.

Mart l-imputat, Lindsay Magri li giet mitkellma wkoll stqarret mal-pulizija

*"Silvio kompla javvicina lil Melvin u kull ma rajt lir-ragel tieghi jimbuttah b'hadida u daqshekk ma nafx x'gara aktar ghax kif imbuttah Silvio waqa' mal-art u l-BBQ waqa fuq fuqu u rajt id-demm u nzilna l' isfel u gejna dirett l-Ghassa."*[9]

Madankollu mart l-imputat qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri la ghall-prosekuzzjon u lanqas ghad-difiza.

Fir-rapport gie ikkonferma li l-hadida mertu ta' l-incident kienet twila madwar 73cm. Illi ghalkemm l-Avukat Generali talab diversi drabi sabiex din tigi esebit, il-prosekuzzjoni qatt ma esebita, u l-Avukat Generali ma regax talabha b'riserva meta nhargu l-artikoli ghall-gudizzju.

---

[8] Folio 13 ta' l-atti processwali
[9] Folio 15 ta' l-atti processwali

Ix-xhud Silvio Zerafa ikkonferma li kien hu li gab ic-certifikat mediku minghand it-tabib, kif ukoll ipprezenta stima tal-BBQ bil-valur ta' mitejn u ghaxar Ewro (€210).[10] Skond din l-istima, dan il-BBQ kien irriparabbli u ma setax jigi trangat mill-gdid.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2020 gie verbalizzat li x-xhieda Linkin Borg, Yanika Borg u Francesca Zammit attendew ghas-seduta izda il-partijiet informaw lill-Qorti li bhal issa ghadejjin diskuzzjonijiet bejn il-partijiet sabiex jirrisolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom b'mod amikevoli u ghaldaqstant ikun itar opportune li jixdu fis-seduta li jmiss sabiex ikunu jistguh jintemmu dawn id-diskuzzjonijiet.[11]

Fir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat 30 ta' Settembru 2020, l-Avukat Generali talab sabiex ix-xhieda Lilkon Borg, Yanika Borg, Graziella Zerafa Piccinino u Francesca Zammit jitilghu jixhdu.[12]

Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2020 l-avukat tal-parte civile informa l-Qorti li huwa awtorizzat jiddikjara ghan-nom tal-parte civile Silvio Zerafa u Lilkin Borg li huma qeghdin jirrinzjaw ghall-kwerela li huma gia ghamlu u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed jahfru lill-imputat.[13]

---

[10]Dok SZ1, Folio 41 ta' l-atti processwali
[11]Folio 44 ta' l-atti processwali
[12] Folio 59 ta' l-atti processwali
[13] Folio 79 ta' l-atti processwali

Illi din ir-rinunzja saret wara li l-istess vittma Silvio Zerada kien xehed fil-proceduri u ghandu jigi relevat li l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputati huma prosegwibbli mill-pulizija *ex officio.*

Inoltre l-artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*Il-Pulizija tista' tagixxi ukoll, minghajr il-kwerela privata, f'kull wahda mill-kazijiet li gejjin:*
*[…]*

*(a) Fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata;*

*(d) fil-kaz ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunita' in generali;*

Illi fir-rinviju ta' l-Avukat Generali data it-8 ta' Jannar 2021 l-Avukat Generali talab lill-parte civile Silvio Zerafa u Lilkin Borg jerga jikkonfermaw ir-rinunzja taghhom.[14] Madankollu, Lilkin Borg ma giex mitlub bhala xhud okkulari ghar-rigward il-kumplament ta' l-imputazzjonijiet, partikolarment l-ewwel imputazzjoni, fejn huwa ma kienx il-parte civile.

Fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2021, fil-fatt rega xehed Silvio Zerafa sabiex jikkonferma r-rinunzja tieghu[15] u l-Qorti giet informata mill-partijiet li ser tigi pprezentat nota ta' pattegjament bhala konsiderazzjoni ghall-piena. Jirrizulta li din in-nota qatt ma giet intavolata f'dawn il-atti.

Stranament, minkejja li ma kienx kkonferma tar-rinunzja tal-kwerela viva voce Lilkin Borg f'din is-seduta, l-Avukat Generali ghazel li ma jergax jitolbu

[14] Folio 71 ta' l-atti processwali
[15] Folio 73-74 ta' l-atti processwali

jikkonferma r-rinunzja tieghu fir-rinviju tad-19 ta' Frar 2021[16] u jinghad x'jifhem li issa sejjer jistrieh fuq id-dikjarazzjoni li kien awtorizzat jaghmel l-avukat ta' Borg.

Ghandu jinghad li minkejja d-dikjarazzjoni tar-rinunzja tal-parte civile Silvio Zerafa, l-ewwel imputazzjoni hija allegazzjoni dwar griehi gravi u ghaldaqstant mhuiex kopert b'dak li jipprovdi l-artikolu 221(4) tal-Kodici Kriminali u l-proceduti ghal din il-imputazzjoni xorta kellhom jimxu *ex officio* b'dan illi l-prosekuzzjoni kellha d-dmir li tressaq il-provi kollha.

Ghaldaqstant ir-rinunzja f'dan il-kaz tghodd biss ghat-tieni imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni tireferi ghal dak li jipprovi l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min, ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jewjagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor,kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xidispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;*

Illi l-artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali jghid:

*l-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o), ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti.*

Ghaldaqstant it-tieni reat biss huwa estint bir-rinunzja tal-parte civile.

Jirrizulta ghalhekk li l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni xorta kienu obbligati li jressqu l-provi ghall-finijiet ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, kif ukoll l-addebitu tar-recidiva skont l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

[16] Folio 76 ta' l-atti processwali

Jirrizulta wkoll li ghar-rigward ir-raba' imputazzjoni qatt ma kien hemm rinunzja tal-parte civile Doris Briffa u bhal donnu dan ir-reat gie minsi ghal kollox ghaliex qatt ma tressqet ix-xhud biex tixhed jew tressqu provi relatati ma din il-imputazzjoni.

Jirrizulta wkoll li minkejja din ir-rinunzja li tghodd biss ghat-tieni imputazzjoni, l-Avukat Generali fir-rinviju ta' wara u cioe ta' nhar il-10 ta' Dicembru 2020 ghal xi raguni ma regax talab li jixhdu x-xhieda okkulari li kienu kollha prezenti waqt dan il-incident u li sahansitra kienu anke attendew il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak li rat u semghet il-Qorti tqis li l-imputat kien il-persuna li kkagguna l-griehi gravi fuq Silvio Zerafa. Illi dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' Silvio Zerafa stess, izda anke mill-istqarrija ta' l-imputat u c-certifikat mediku tat-tabib.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li kemm l-ewwel u t-tielet imputazzjoni gew ippruvati.

Ghar-rigward it-tieni imputazzjoni, kif diga intqal aktar qabel dan huwa ikkonsidrat bhala estint in vista tar-rinunzja tal-parte civile.

Illi ghar-rigward ir-raba' imputazzjoni, kemm l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni qatt ma hadu hsieb sabiex jitressqu xhieda, partikolarment Doris Briffa, u provi sabiex jigi ppruvat dan ir-reat. Oltre dan, l-Avukat Generali

lanqas biss indikat l-artikoli relevanti ghall-gudizzju fuq xiex din il-Qorti tista ssib htija.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li r-raba' imputazzjoni ma giex ippruvat u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat minn kull htija u piena dwarha.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva skont l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni ma ressqu ebda prova f'dan ir-rigward, ghajr il-fedina penali li ma hiex l-ahhjar prova u ghaldaqstant tqis li l-addebitu tar-recidiva lanqas ma gie ppruvat. Jirrizulta wkoll li l-Avukat Generali lanqas indika l-artikoli relatati ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[17] Fil-fedina penali jinsabu registrati tlett sentenzi, bl-iktar wahda recenti dwar griehi ta' natura hafifa. Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat mhuiex l-ewwel darba li irrikora ghal-glied, tant li kkaguna griehi lill-persuna ohra. Ghalhekk jirrizulta li l-imputat baqa ghaddej b'dan it-tip ta' imgieba meta ifettilu minkejja l-fatt li kien diga ghadda proceduri legali fil-passat.

- Ghalkemm il-parte civile Silvio Zerafa ta ix-xhieda tieghu eventwalment ghazl li jirrinunzja, flimkien ma Lilkin Borg ghall kull azzjoni kriminali safejn huwa possibli stante li kien hafer lill-imputat u illum il-gurnata l-affarijiet trangaw bejniethom.

[17] Folio 3-4 ta' l-atti processwali

- Illi certament din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ghall-fatt li l-vittma ghazel li jahfer lill-imputati u irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Madankollu il-mahfra tal-vittma ma jfissirx li l-imputat ghandu jigu ezonerat mir-reati li bihom gie akkuzat jew li m'ghandux jerfa' r-responsabbilita legali ta' l-agir tieghu. Naturalment, din il-Qorti ser tikkunsidra d-dikjarazzjoni maghmula mill-parte civile Zerafa u Borg ghall-finijiet ta' attenwant, izda certament mhux ghal-liberazzjoni. L-agir tal-imputat ghandu jitqies bhala riskju ghas-socjeta' li jghixu fiha u qatt m'ghandu jinftiehem li mahfra tal-vittma twassal ghal xi amnestija *ex post facto* l-ghemil kriminuz serju tal-imputat.

- Il-Qorti tara li l-glieda li wasslet ghall-griehi in kwistjoni kienet wahda mibnija fuq kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet, kwazi kwazi b'kapricc u li certament setghet tigi rizolta b'mod ahjar iktar u iktar meta tqis li dawn huma kollha girien jghixu fl-istess blokka.

- Mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jirrizulta li l-imputat ikumpensa lil-vittmi ghal-hsarat li kkagunalhom u li illum l-affarjiet huma kalmi bejniethom kollha. Ghaldaqstant din il-Qorti giet mitluba sabiex tikkunsidra piena lejn il-minimu taghha stante li illum il-gurnata kien hemm riforma fl-attegjament ta' l-imputat.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(2) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Melvin Magri **hati** ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotta kontrih u tikkundannah perjodu ta' **sena prigunerija**, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ghar-rigward it-tieni imputazzjoni dan huwa estini u ghar-rigward ir-raba' imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva issibu mhux hati u ghaldaqstant huwa liberat minn kull htija u piena dwarhom.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

**Moghtija illum nhar il-10 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**